MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Numru 983/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**
**VS**
**RODERICK CIANTAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Roderick Ciantar ta’ 16-il sena, iben Salvu u Rita xebba Zammit, imwieled Pieta’ nhar id-29 ta’ Ottubru 1992, residenti “St. Rita” Triq Radet ir-Roti, Bahrija limiti tar-Rabat, Malta u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 518192(M).

Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fil-5 ta’ Mejju 2009, u fix-xhur ta’ qabel din id-data, meta b’diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda bhala cittadin jew residenti permanenti ta’ Malta, sew f’Malta sew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f’Malta, kiseb jew kellu fil-pussess

tieghu xi ritratt, filmat, *video recording* jew xbieha electronika indecenti ta’ Ether Marie Portelli taht l-eta’.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat tat-24 ta’ Frar, 2010;

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti akkordat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib l-imputat, Roderick Ciantar, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 208A, Artikolu 37 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ erbatax (14)-il xahar taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

In oltre’, ai termini ta’ l-Artikolu 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna l-hrug ta’ Protection Order favur il-minuri u l-familja taghha kontra l-imputat bil-kondizzjoni li l-imputat ma javvicinax, ma jkellimx u ma jimmolestax lil minuri u l-familja taghha u dana ghal perijodu ta’ tlett (3) snin u dana wara li l-Qorti qieset il-konsiderazzjonijiet kontenuti fl-Artikolu 412C(4)(a) sa (f) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti tordna kopja ta’ din is-sentenza li tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------